# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sitta u tmenin (86) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-22 ta' Novembru, 2011 fis-6.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mgħoddija lill-kunsillieri mis-segretarju eżekuttiv matul il-ġimgħa ta' qabel ma nżammet din il-laqgħa, u dawn kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li għamlu l-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti:**

3. Dwar ix-xogħol ta' ri/kostruzzjoni ta' toroq, is-sindku qal li sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa għandu jingħalaq ix-xogħol fi Triq il-Fjuri, għax il-ġimgħa l-oħra tlifna ġimgħa minħabba l-maltemp u x-xita li għamlet.

4. Dwar ix-xogħol tal-*IT* u *Electrical Changeover*, li għaddej fl-uffiċċju, is-sindku nforma lill-kunsillieri illi mis-sistema tal-*IT*, il-ħaddiema tal-*Alberta* lestew u kull ma fadal hu ftit xogħol fis-sular t'isfel. Hu qal li kienu eliminati ħafna biċċiet tas-*circuits* antiki li kellna qabel, u se tiġi eliminata d-*distribution box* l-antika li kienet fuq *fuse* wieħed. Is-sindku qal li hawn fuq issa hawn *distribution box* għall-pjan ta' fuq kollu.

5. Dwar is-siġar li ħawwlu r-residenti fi Triq il-Familja Brancati u li kienu qed jagħmlu l-ħsara fuq il-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa, is-sindku qal li kellmuna n-nies u l-*MEPA* ssuġġeriet li tagħti aktar żmien biex dawn, jekk jixtiequ jaqilgħuhom huma stess u jħawwluhom bnadi oħra aktar komdi għas-siġar. Fin-nuqqas ta' dan, sid l-għalqa se jieħu l-inkarigu li jaqlagħhom huwa stess.

6. Dwar il-ħarġa għall-Imqabbin biex imorru jaraw il-presepji, is-sindku qal li qiegħed f'kuntatt ma' membru mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, biex dawn jissuġġerixxu huma stess fejn nistgħu immorru matul dik il-lejla. Hu żied jgħid li dawn il-wirjiet hu mistenni li jibdew sa mis-16 ta' Diċembru 'il quddiem.

7. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv kiteb lil *Cordin Correctional Facilities* fejn infurmahom illi l-kunsillieri huma lesti li jagħmlu ż-żjara kif ippjanat (bħal kull sena) lil dawk rikoverati hemm ġew li hemm f'dan is-sit, li huma residenti tal-Imqabba u qed nistennew tweġiba lura.

8. Dwar il-*party* tat-tfal is-segretarju eżekuttiv lesta l-formoli tal-applikazzjonijiet u dawn qed ikunu disponibbli fl-uffiċċju tal-*customer care* tal-kunsill fis-sular t'isfel għal kull min hu interessat.

9. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri biex ilestu l-artikli tal-fuljett għall-ħarġa li jmiss ħalli din titqassam qabel il-Milied. F'din il-ħarġa hu mistenni li jitpoġġew avviżi biex il-pubbliku jkun jaf bl-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill Lokali tal-Imqabba fil-ġranet tal-Milied.

10. Dwar id-dekorazzjonijiet li jikkonsistu f'illuminazzjonijiet u dwal tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja, applikajna għall-*meter box* biex titwaħħal fil-Pjazza tal-Knisja biex ningħataw il-provvista mill-Korporazzjoni Enemalta. Dwar dawn l-arranġamenti is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, diġà huma infurmati sabiex jarmaw l-antarjoli u l-festuni.

11. Intant is-segretarju eżekuttiv diġà lesta l-lista tal-inviti għar-*reception* li se jagħmel il-KLM għall-għaqdiet (*NGOs*) ġewwa l-Isptar il-Qadim, l-għada tal-Milied kif kien deċiż fis-seduta preċedenti. Fil-jiem li ġejjin se joħorġu l-inviti biex ikunu infurmati dawn il-persuni minn kmieni.

12. Dwar il-proposta biex fl-Isptar il-Qadim titpoġġa ħaġra taż-żonqor, is-sindku qal li se jagħmel kuntatt ma' min għamel din l-offerta ġeneruża biex finalment din titpoġġa f'post fejn tkun tista' tiġi preservata u wkoll apprezzata aktar.

13. Kienet imsemmija l-applikazzjoni li ħarġet l-*MRRA* sabiex kull min hu nteressat japplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja skont Miżura numru . Is-sindku qal li din tapplika għal dawk il-lokalitajiet rurali fejn il-bdiewa jkun jinħtieġilhom li jingħata konkos fil-passaġġi fir-raba. Għaldaqstant din l-ideja kienet abbandunata.

14. Dwar il-permess tat-toroq, issemma dak ta' Triq iż-Żurrieq, Saljatura, Ħal Kirkop, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (il-parti li fadal x'tingħata it-tarmak) kif ukoll Triq il-Murselli. Is-segretarju eżekuttiv qal li misterjożament l-applikazzjoni ta' *Asfaltar Ltd* kienet invalidata minn *Transport Malta*. Hawn is-sindku qal li dawn issottomettew pjanta li ma kienetx iffirmata. Is-segretarju eżekuttiv qal li se jivverifika jekk daħalx xi permess ieħor ġdid. Ix-xogħol f'dawn it-toroq hu ttamat li jibda jsir f'Jannar 2012. Il-KLM ġedded il-kuntratt ta' *Asfaltar Ltd* sal-aħħar ta' Ġunju, 2012 fejn hu ttamat li x-xogħlijiet kollha jkunu mitmuma. Dan se jkun *ultimatum* mal-istess kuntrattur biex minkejja li għad fadal xogħol konsiderevoli, fost affarijiet oħra anke tħaffir għad-drenaġġ, dan ilesti fiż-żmien stipulat.

15. Il-KLM laqa' l-proposta tas-sindku u ddeċieda wkoll illi l-isqaq it-twil fi Triq Santa Katerina jingħata kisja bil-*patterned concrete* minflok bit-tarmak kif kien ippjanat oriġinalment. Hu antiċipat illi dan ix-xogħol isir wara li jintemm dak ta' Triq il-Fjuri.

**Aġenda:**

16. Kien diskuss il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart. Dan ġie pospost għal seduta oħra sakemm jingħata mill-ġdid parir minn għand l-avukat tal-kunsill wara li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dak li kien mogħti lilna mill-istess avukat tal-kunsill.

17. Is-sindku qal li l-librara preżenti, Ms Nathalie Azzopardi tat ir-reżenja tagħha (s'issa informalment) minħabba l-kwistjoni tal-bolla peress li hija *self employed* u din trid titħallas minnha stess. Hu qal li għaldaqstant ġejna affaċjati b'sitwazzjoni simili għal dak li konna fih propju qabel ma kienet magħżula hi stess. Hu ppropona illi Mersia Mackay, tiġi *full time* mal-KLM u tibda tmur ukoll tiftaħ il-librerija pubblika tal-Imqabba. Dejjem jekk inhu possibbli illi l-ħlas li jipprovdi id-dipartiment tal-libreriji pubbliċi jgħaddi fil-kontijiet bankarji tal-KLM. Dan għaliex bħal issa dawn joħorġu l-ħlas għal erba' siegħat u l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jipprovdi għall-ħlas tal-librara tas-sitt siegħat l-oħra li għoġbu jagħti bħala servizz addizzjonali minn jeddu.

18. Hawn il-kunsillieri qalu li biex isir hekk il-KLM se jkollu jibda' jħallas il-bolla tal-istess Mersia Mackay bir-rata tal-*full time*. Dwar ir-rata tal-ħlasijiet, is-segretarju eżekuttiv qal illi id-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi jħallas bir-rata stabbilita minnu (għas-sena 2011) din kienet ta' €5.86 is-siegħa. Intant ir-rata tal-ħlas tal-istess Mersia Mackay li bih titħallas fl-*overtime* hija differenti (ftit aktar). Hu qal li dan ifisser li s-Sibt fil-għodu jkollhom bil-fors jidħlu iż-

żewġ skrivani xogħol. Intant kien deċiż illi ningħataw parir qabel ma tittieħed id-deċiżjoni u nħallu l-*options* kollha miftuħin.

19. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba iddeċieda li l-laqgħa pubblika ssir nhar is-27 ta' Jannar, 2012 fis-6.30pm fil-Pjazza tal-Knisja taħt tinda. Id-daqs tat-tinda għandu jkun ta' 10m x 10m magħluqa minn kullimkien. Għal dan l-avveniment se jinkrew is-siġġijiet u jsiru l-avviżi fil-*media* skont kif tistipula l-liġi. Se naraw jekk il-kiri tat-tinda jistax isir minn għand xi wieħed minn dawn il-fornituri (jekk mhux se jinqabeż it-*treshold* tal-kwotazzjonijiet u jkollna noħorġu avviż pubbliku) minn għand Casapinta, *Malta Fairs and Convention Centre* jew *Sign-it.*

20. Filwaqt li kienu kkunsidrati l-estimi finanzjarji 2012, il-KLM iddeċieda li qabel ma jkun approvat dan l-ewwel *draft*, tal-inqas nistennew il-figura tal-allokazzjoni governattiva għas-sena 2012, mill-gvern ċentrali. Għaldaqstant dawn se jitilgħu fuq l-aġenda hekk kif inkunu nafu l-figura għas-sena 2012.

21. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* numru 426 bil-korrezzjonijiet li sarulha skont kif jidher fuq il-kopja oriġinali inizjalati u ffirmati.

**F'punti oħra:**

22. Nicholas Briffa semma l-inizjattiva li kien iddiskuta l-Kunsill Lokali tal-Imqabba biex jipparteċipa fl-iskema *ME2*. Dan sabiex persuna bi bżonnijiet speċjali tiġi tibda' tagħti daqqa t'id fl-uffiċċju. Għal dan il-għan is-segretarju eżekuttiv għandu jerġa' jagħmel kuntatt ma' Ms Marisa Damato, biex naraw jekk dan jistax iseħħ.

23. Grace Marie Mallia qalet li hija interessata illi tattendi għall-Plenarja li qed tkun organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali aktar tard dan ix-xahar. Is-sindku qal li minkejja li l-ġurnata li fiha kellna nagħtu d-dettalji tal-parteċipanti diġà għaddiet, se nagħmlu dak kollu li nistgħu sabiex hija tattendi wkoll.

24. Is-sindku ssuġġerixxa li tinkiteb ittra biex nifirħu lil Sasha Hamilton, tifel Imqabbi li pparteċipa fil-kompetizzjoni tat-tpinġijia mnedija mill-*MEPA* f'Jum l-Ambjent biex jippromwovi l-biodiversità. Sasha Hamilton irnexxielu jirbaħ wieħed mil-premjijiet għall-aħjar *Mascot.*

25. Is-sindku qal li kien hemm żieda inkoraġġanti fis-separazzjoni tal-iskart matul dawn l-aħħar xhur. Hawn intqal illi għandna nkomplu nagħmlu l-almu tagħna sabiex inkomplu nħajru aktar persuni jisseparaw aktar l-iskart ħalli nilħqu l-miri tagħna peress li nvestejna f'aktar *bring-in-sites.*

26. Il-laqgħa ntemmet fit-8:45pm u se tinżamm dik li jmiss nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*6/12/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |